# L-IRVELL TAL-QASSISIN

(Jaqbad mill pagna 3)

attakkaw lill Dun Gusepp Velasti, li kien qed jagħmel il-għassa. Dan spara fuq de Guiron. Il-balla għaddiet mal-parrokka tiegħu. De Guiron sparalu u laqtu għall-mewt. Ir-ribelli stejqru mal-isparar u sparpaljaw ruħhom u ċedew. De Guiron ferah, għax il-prestiġju li kien tilef quddiem sħabu, issa reġa kisbu. X'jimporta li bi ksur ta' wegħda sollenni!

**IR-RIBELLI IHALLSUHA QARES**

Il-Kavallieri ġibuha li r-ribelli kisru l-ftehim għax żammew l-armi u bagħtu 6 ostaġġi biss, il-Vigarju Generali ddefenda lir-ribelli quddiem il-Grammastru. Dan assigurah li ma kien ser jagħmlilhom xejn. Imma l-Kavallieri riedu joqtluhom. Għalhekk Ximenes ħatar Kummissjoni biex teżamina l-każ u tagħti l-ġudizzju tagħha.

Fl-14 ta' Settembru dehru imdeffsin ġo lasta fit-truf tal-Kavallier l-irjus ta' 3 ribelli li ġew maqtulin bl-ordni tal-Kastellan, mingħajr il-kunsens tal-Kummissarji. Dawn, imbgħad, waħħlu l-ħabs għal għomorhom lill-Mannarino u lill Dun Dimech, u 11-il raġel ieħor fosthom 3 qassisin għall-eżilju. Tlieta oħra ġew dikjarati nnoċenti u meħlusin.

Naħseb li l-ħabib tiegħi u oħrajn miegħu huma kuntenti li semgħu xi dettalji dwar l-Irvell tal-Qassisin. Nirringrazzja lill Dun Filip Callus talli ffrankali li noqgħod nagħmel ħafna riċerki, għax bil-paċenzja kollha għamilhom hu, u nitolbu skuża, jekk forsi ma kontx għal kollox fidil għal dak li kiteb hu. Jekk tiltaqgħu ma xi żball, għidu li hu tiegħi.